MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 106/2002/2

**Josephine Azzopardi.**

**vs**

**Rose Cilia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Josephine Azzopardi datat 8 ta' Novembru 2007 a fol. 105 tal-process fejn esponiet:-

Illi permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera tat-22 ta' Ottubru 2002 ir-rikorrenti filwaqt li esponiet illi hija tikri lill-intimata il-fond 11/12, Long Street, Haz Zebbug (Malta) versu l-kera ta' tnax-il lira (Lm12) fis-sena liema kera taghlaq fl-ahhar tas-sena; illi l-fond qed jithalla jiddeterjora minhabba li ilu abbandunat mill-intimata; illi l-fond inkwilinat gie abbandunat mill-intimata u kwindi

hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fond kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni u kwindi hemm lok ghal ripresa tal-fond; talbet li dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond 11/12 Long Street, Haz Zebbug (Malta) ghar-ragunijiet suesposti. Illi b'risposta tal-intimata pprezentata fis-17 ta' Jannar 2003 l-intimata eccepiet li preliminarjament, mhux korrett dak li hemm fir-rikors li l-kera taghlaq fl-ahhar tas-sena, billi d-data tal-iskadenza tal-kera ta' kull sena, hija t-28 ta' Ottubru; illi fit-tieni lok u dejjem in via preliminari, in-nullita` tar-rikors *stante* li ma saret talba mir-rikorrenti, sabiex dan il-Bord ma jgedditx il-kera u ntalab biss ir-ripreza tal-fond; illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi l-fond qed jithalla jiddeterjora, kif qed tallega r-rikorrenti, izda kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-fond gie ammeljorat; illi fir-raba' lok, mhux minnu li l-fond gie abbandunat kif tallega r-rikorrenti, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors, u *in oltre* r-rikorrenti lanqas ma ghandha ebda raguni li tirriprendi l-pussess tal-fond a bazi ta' bdil ta' destinazzjoni, f' kull kaz, ir-rikorrenti dejjem accettat il-kera tal-fond u l-ewwel darba li ma accettatx il-kera kien biss ghall-iskadenza tat-28 ta' Ottubru 2002, liema kera giet depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-intimata tablet bir-rispett, li dan il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti u ma jawtorizzax ir-ripreza tal-fond 11/12 Long Street, Haz Zebbug, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-11 ta' Jannar 2007 il-Bord laqa' t-talba tar-rikorrenti u awtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond 11/12, Triq it-Twila, Haz Zebbug.

Illi l-intimata appellat mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). L-appell ipprezentat mill-intimati fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu cirkoskritt ghall-impunjattiva tar-ragonament tal-Bord u dik tac-certezza morali tieghu illi fl-isfond tal-provi hi kienet abbandunat il-fond lokat f' Haz Zebbug. Fuq din il-bazi generali l-appellanti tissingola l-aspetti varji ta' dan l-istess

ragonament, mira tal-kritika taghha, u tghaddi biex ticcensura l-konkluzjoni tal-Bord.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-17 ta' Ottubru 2007 il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tal-intimata, hassret is-sentenza appellata u konsegwentament cahdet it-talba tal-appellata ghar-risposta tal-fond bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu fiz-zewg cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sucitata, l-Qorti ammettiet li *"Huwa veru li n-nuqqas ta' esebizzjoni ta' certifikat mediku jista' jkun fattur indikattiv illi jinduci ghas-suspett illi l-kundizzjoni psikika tal-appellanti ma gietx ipprovata. Jigi osservat pero`* ***illi l-fatt notorju*** *ma jirrikjedi ebda prova konkreta ghas-sostenn tieghu. Ir-raguni tiddetta illi fic-cirkustanzi pervenuti bil-mewt ghallarieda ta' bintha u ta' zewgha fi zmien hekk qasir hu wisq notorju u fl-esperjenza komuni illi l-appellanti ma kellhiex dak l-istat mentali li serenement jhalliha taffronta wehidha l-qaghda tragika li laqtitha.* ***L-ezistenza oggettiva ta' din is-sitwazzjoni hi rikonoxxuta mill-generalita` tal-bniedem u m'hemmx ghalfejn wiehed joqghod jaghti prova taghha".***

Illi l-intimata filfatt ma ezebit l-ebda certifikat mediku jew psikjatriku li jista' jitfa' dawl fuq il-kundizzjoni ta' depressjoni li kienet allegatament l-intimata qieghda tesperjenza wara l-mewt ta' zewgha u ta' binha. Id-depressjoni hija stat mentali jew psikjatriku li ezistenza taghha tista' tigi oggettivament ippruvata b'mod partikulari meta l-intimata qieghda tibbaza d-difiza taghha fuq dan l-istat mentali biex tirrespingi t-talba tar-rikorrenti ghar-risposta tal-fond *de quo*. Bl-ebda mod il-Qorti ma setghet tissostitwixxi l-analizi oggettiva ta' konsulent mediku jew psikjatriku f'din l-istanza b'apprezzament ghal kollox soggettiva tal-Qorti tal-Appell ibbazat fuq "**xi fatt notorju**" tal-ezistenza tad-depressjoni tal-intimata u li din hija "**rikonoxxuta mill-generalita` tal-bniedem**".

Illi mhux hekk biss talli l-Qorti tal-Appell gebdet l-interpretazzjoni taghha sal-estrem li tippronunzja ruhha

fis-sens li l-kundizzjoni psikika tal-intimata "**m'hemmx ghalfejn wiehed joqghod jaghti prova taghha**". Ghalhekk il-Qorti tal-Appell waslet ghad-decizjoni taghha fuq fatt notorju li l-ezistenza taghha hija, skont il-Qorti, irrikonoxxuta mill-generalita` tal-bniedem u mhux fuq il-prova tal-kundizzjoni psikika tal-intimata li tista' tinghata biss bil-produzzjoni ta' certifikat mediku li jigi talvolta ikkonfermat bil-gurament mill-konsulent mediku li jkun irrilaxxah. Fil-fatt prova li giet skartata kompletament mill-Qorti tal-Appell hija dik li l-intimata *ex admissis* qatt ma hadet kura minn xi specjalista minhabba l-istat li sabet ruhha fih.

Illi ghaldaqstant is-sentenza ritrattata applikat il-ligi hazin ghaliex id-decizjoni ma saritx skont il-ligi *ai fini* tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi mhux hekk biss talli l-Qorti tal-Appell skartat kompletament ix-xhieda tal-intimata li qalet li telqet mill-fond *de quo* ghaliex kien hemm "l-akkwiexxenza tas-sid". *Inoltre* fis-sentenza ritrattata l-Qorti tal-Appell sostniet illi *"irid jinghad finalment illi fil-morti tal-kawza l-appellata rritornat lura ghal kollox fid-dar mikrija".* Apparti li l-intimata ma setghet qatt tissana l-istat taghha billi semplicement tirritorna fid-dar *de quo* wara li gew istitwiti l-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, l-fatt li b'kumbinazzjoni marret lura d-dar fil-mori tammonta ghal-prova li fil-fatt l-intimata qatt ma kellha dippressjoni jew kundizzjoni psikika pessima izda minflok il-Qorti tal-Appell applikat dan il-fatt bhala prova li l-intimata ma kellhiex l-intenzjoni li tabbanduna l-kirja. Ghalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet ukoll effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza *stante* li d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu kienet bla ebda dubju eskluza jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistiex xi fatt li l-verita` tieghu kien stabbilit pozittivament.

Illi ghalhekk r-rikors tal-Apell fl-ismijiet "**Josephine Azzopardi vs Rose Cilia**" ghandu jerga' jigi mismugh mill-gdid ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-17 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet "**Josephine Azzopardi vs Rose Cilia**" Appell Civili Nru 106/2002 u dan *ai termini* tal-**artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

2. Tordna s-smigh mill-gdid tal-imsemmi appell bl-ispejjez kontra Rose Cilia.

Rat ir-risposta ta' l-appellanti ritrattata Rose Cilia datata 3 ta' Dicembru 2007 a fol. 109 tal-process fejn tikkonferma:-

1. Illi **fl-ewwel lok** kwantu ghal kawza fl-ismijiet premessi deciza b' sentenza tas-17 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u fit-talba ghar-ritrattazzjoni in bazi ghall-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-premessa kif dedotta fil-paragrafu (8) tar-rikors appellata ritrattandi u s-sussegweni talba ghar-revoka in bazi ghall-imsemmija sub-inciz, juru nuqqas ta' referenza ghal *"... ligi li kien imissha giet applikata....".* bi ksur car tal-**artikolu 816 ta' Kap 12** u b'hekk jirrendu t-talba ghar-revoka fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi *ab initio* nulla u bla effett;

Illi minghajr pregudizzju ghal tali nullita`, l-istess nuqqas ta' referenza fih innifsu jindika li mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell applikat ligi b'ohra ghaliex altrimenti ghal minimu kif rikjest bil-ligi, ir-ritrattandi kienet tghid x'inhi l-ligi applikabbli;

2. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost nullita`, il-fatt li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi:-

*"Ir-raguni tiddetta illi fic-cirkostanzi pervenuti bil-mewt ghallarieda ta' binha u ta' zewgha fi zmien hekk qasir hu wisq notorju u fl-esperjenza komuni illi l-apellanti ma kellhiex dak l-istat mentali li serenament ihalliha taffronta wahidha l-qaghda tragika li laqtitha. L-ezistenza oggettiva ta' din is-sitwazzjoni hi rikonoxxuta mill-generalita` tal-*

*bniedem u m' hemmx ghalfejn wiehed joqghod jaghti prova taghha"* u b'hekk a kuntrarju tal-Borg ma qisietx li l-prova oggettiva b'certifikat mediku hija mehtiega biex jikkonferma li l-inkwilina verament kellha tali stat mentali li ma kienx jippermettiha li tibqa' tghix wahidha fid-dar lokata, ma jammontax fih innifsu ghal applikazzjoni ta' ligi b'ohra fil-kuntest tal-**artikolu 811 (e).** Izda huwa propju t-twettiq tal-ezercizju ta' revizjoni li l-Qorti tal-Appell gustament hasset li kellha taghmel rigward ta' certu fatti.

U b'hekk il-Qorti tal-Appell intervjeniet, biex tissostitwixxi il-kokluzjoni tal-Bord (cioe` li l-inkwilina Rose Cilia fin-nuqqas ta' certifikat mediku ma ippruvatx l-istat hazin ta' sahhitha) billi l-Qorti fehmet illi hija haga minn ewl id-dinja u li ma trid ebda spjegazzjoni jew prova, li meta persuna li tilfet lil binha ta' hamsa u tletin (35) sena u zewgha fi zmien sitt xhur u spiccat wahidha fid-dar lokata, ma baqghetx fi stat li tibqa' tghix hemm wahidha.

3. Illi hija kwistjoni biss ta' evalwazzjoni diversa mill-Qorti tal-Appell dwar il-provi, ossia kostatazzjoni u konferma ta' fatt divers minn dak raggunt mill-Bord rigward sahhet l-inkwilina u fl-istadju ta' tali analizi u kostatazzjoni u konferma ta' fatti ma hemm ebda applikazzjoni ta' ligi u ghalhekk wisq anqas ma seta' kien hemm applikazzjoni ta' ligi hazina, izda applikazzjoni biss tas-sens komun u tat-taghlim li johrog mill-esperjenza tal-hajja dwar il-komportament uman, li jghinu biex iwassal lill-Gudikant sabiex serenament jikkonkludi liema fatt huwa l-aktar verosimili.

4. Illi stabbilit mill-Qorti tal-Appell il-fatt li *"... l-appellanti ma kellhiex dak l-istat mentali li serenament ihallija taffronta wahidha il-qaghda tragika li laqtitha..."* (u ghalhekk it-tluq mid-dar inkwilinata kien gustifikat), il-Qorti tal-Appell tenut kont ukoll ic-cirkostanzi ohra ippruvati, gustament hassret is-sentenza appellata.

U dejjem fl-isfond tal-ligi korretta li tirregola dawn il-kawzi u cioe` il-**Kap 69 (L-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini**) u partikularment l-**artikolu 9 (a)** li fost ohrajn jghid illi *"Il-Bord jaghti l-permess* (ghar-ripreza tal-fond

jekk l-inkwilini)*..... ikun uza l-fond xort' ohra milli ghall-iskop li l-fond ikun gie lilu moghti b'kiri...",* il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba fir-rikors promotur ghar-ripreza tal-pussess tal-fond fuq il-kawzali li "*il-fond inkwilnat gie abbandunat mill-intimata u kwindi hemm bdil fis-destinazzjoni tal-fond".*

5. Illi **fit-tieni lok** l-appellata ritrattandi qed titlob ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell in bazi ghal **artikolu 811 (l)** u cioe` li s-sentenza *"kienet ukoll l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza stante li d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu bla ebda dubju eskluza jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu kien stabbilit pozittivament".*

6. Illi bhala elementi li jikkostitwixxu din il-bazi ghar-revoka u kif osservat fis-sentenzi moghtija Appell Superjuri fl-ismijiet **"John Sammut vs Michael Zammit Tabone et"** deciza 22 ta' Jannar 2001 (Nru 527/81) u **"Gourmet Co Limited vs Mariano Vella"** tat-28 ta' Jannar 2005 (127/97), sabiex revoka ta' sentenza a bazi tal-**artikolu 811 (l)** tkun gustifikata jehtieg li l-izball ikun:-

- *zball materjali ta' fatt, b'rizultat ta' inadvertenza tal-Gudikant u mhux zball ta' kriterji jew interpretazzjoni.*

Cioe` meta certu fatt, minhabba li l-gudikant bi zball ma jkunx ra sew l-atti u dokumenti, gie prezunt mill-Gudikant, bhala ezistenti jew inezistenti. U mhux meta l-Gudikant deliberatament u b'mod razzjonali wara li analizza l-atti u d-dokumenti kien sodisfatt bl-esiztenza *o meno* ta' certu fatt jew ta' interpretazzjoni tieghu;

- *zball car u manifest u cioe` li johrog mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti jew dokumenti tal-process, b'mod li l-inadvertenza konsegwentement inducietu;*

jissoponi l-ezistenza ta' fatt inkontrastabilment eskluz jew jissoponi l-inezistenza ta' fatt pozottivament stabbilit;

Dan ifisser li jkun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika cioe` li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li issupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b' hekk mexa fuq presuppost zbaljat.

- *zball determinat ghas-sentenza, cioe` meta l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt erronjement prezunta mill-Qorti, kienet "il-fundament ewlieni" tas-sentenza cioe` dak li iddetermina l-mod kif inghatat is-sentenza.*

Ghalhekk ma jkunx hemm bazi ghal revoka, jekk *nonostante* zball manifest, is-sentenza tista' tigi sorretta b' ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.

- *il-fatt jehtieg li ma jkunx gie kontestat u deciz, jekk l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt in kwistjoni tkun giet dibattuta mill-partijiet u stabbilita anke fis-sentenza, ma hemmx bazi ghar-ritrattazzjoni.*

7. Illi fil-kuntest ta' pretiza ta' revoka tas-sentenza appellata a bazi tal-**artikolu 811 (l)** fil-paragrafu 9, ir-ritrattatandi tilmenta li l-Qorti tal-Appell:

*"skartat kompletament ix-xhieda tal-intimata li qalet li telqghet mill-fond de quo ghaliex kien hemm "l-akkwiexenza tas-sid"*

u injorat anke l-prova, skont ir-ritrattandi, li ladarba l-intimata irritornat fid-dar lokata fil-mori tar-rikors promotur, allura mhuwiex minnu li l-intimata kellha depressjoni jew kundizzjoni psikika pessima.

8. Illi qabel xejn jigi premess li kwantu ghall-ewwel asserzjoni mir-ritrattandi ta' ammissjoni mill-inkwilina li telqghet ghaliex is-sid akkwijixiet, irid jinghad illi l-unika xhieda f'dan il-kuntest ma tammontax ghal tali ammissjoni.
Kull ma tghid l-inkwilina a fol. 38 u dan b' referenza ghall-kera huwa li "*tajtilha qabel issa li gejna hawn hekk* (ie il-

Qorti). *Dejjem accettatu ... sentejn qabel. Qisu 2000, 2001".*

In kontro ezami a fol. 39, tghid ukoll ill *"... meta kont immur inhallasha, kont nghidilha 'ara jien gejt bil-kerta ara jiena wahdi ma noqghodx ghax jien ma niflahx noqghod..."*

Domanda : *igifieri qatt ma ghedtilha li tlaqt tghix mat-tifla?*

Risposta : *Qieghda tigdeb mela. Gieli hallastha d-dar taghha u gieli hallastha fil-hanut. It-tifla kienet twassalni mill-Bahrija ghal hemm hekk......*

Domanda : *Nghid sew li inti ma ghadekx tghix izjed fid-dar u abbandunajtha d-dar?*

Risposta : *Iva hi taf li fil-kaz li dan jien kont nghix mat-tifla. Imma d-dar jien qatt ma abbandunajtha".*

9. Illi minn din l-unika xhieda dwar hlas ta' kera u accettazzjoni wara t-tluq mid-dar, ma jista' jigi b'ebda mod inferit li l-inkwilina qieghda tfisser li hija telqghet mid-dar ghaliex *"kien hemm l-akkwiexenza tas-sid".* Dak li ikkostragiha biex titlaq kien biss l-istat ta' sahhitha wara l-imwiet ta' binha u zewgha li ma ippermettilhiex tibqa' wahidha, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell.

10. Illi kwantu ghat-tieni punt tar-ritorn fil-mori, dan il-fattur li sehh aktar minn sena u nofs wara n-notifika f' Dicembru 2002 tar-rikors promotur fuq l-inkwilina u cirka seba' snin wara t-tieni mewt ta' zewgha f'April 1997 certament ma jistghux jitqies bhala xi prova kontra l-fatt stabbilit li dak li immotiva t-tluq wara l-imsemmija tieni mewt kienet il-kwistjoni ta' sahhet l-inkwilina;

11. Illi xi jfisser u x'jindika r-ritorn fil-mori ghar-ritrattandi, huwa biss punt ta' sottomissjoni izda per se ir-ritorn bhala fattur, verament indiskuss li jirrizulta mil-ligi, la jeskludi "*bla ebda dubju"* il-fatt distint u indipendenti ta' kundizzjoni tas-sahha mentali fragli tal-inkwilina meta telqghet u ghal zmien kunsiderevoli u tant iehor ma jipprovax *"posittivament"* li li l-inkwilina kienet tiflah.

12. Illi l-Qorti tal-Appell, fir-rigward tax-xhieda kollha li setghet titfa' dawl fuq x'gieghel verament lill-inkwilina titlaq mid-dar lokata, ghamelt l-ezercizju ta' evalwazzjoni taghha u kkonkudiet illi *"ir-raguni tiddetta li fic-cirkostanzi perventi bil-mewt ghallarieda ta' binja u ta' zewgha fi zmien hekk qasir hu wisq notorju u fl-esperjenza komuni illi l-appellanti ma kellhiex dak l-istat mentali li serenament ihalliha taffronta l-qaghda tragika li laqtitha."*

13. Illi c-citata dikjarazzjoni tal-Qorti hija *self explanatory* u ma hemm xejn fl-atti tal-kawza li jwaqqa' jew jikkontradici r-ragjonevolezza ta' tali konkluzjoni jew li juri li kien hemm zball manifest mill-gudikant li wassal ghal tali konkluzjoni in bazi ghal xi supponiment zbaljat tal-ezistenza *o meno* ta' certu fatt.

14. Illi r-ritrattatandi f'paragrafu 9 tilmenta wkoll illi l-Qorti tal-Appell, applikat il-fatt ta' ritorn bhala prova li ma kellhiex intenzjoni ta' abbandun.

Mhuwiex car kif tali evalwazzjoni mill-Qorti tal-Appell ta' fattur hekk cert cioe` r-ritorn, jinkwadra ruhu fl-**artikolu 811 (l).** Ladarba kif qed tghid ir-rittrattandi, il-Qorti dehrilha li r-ritorn huwa prova li ma kienx hemm abbandun, mela allura l-fattur tar-ritorn gie ikkunsidrat anke jekk stess mhux kif xtaqet ir-rittrattandi u b'hekk hawn *si tratta* ta' esercizju ta' interpretazzjoni ta' fatt, li b'hekk mhuwiex soggett ghar-rittrattazzjoni.

15. Illi mill-banda l-ohra, *dato ma non concesso*, jekk dan l-ilment jimmerita li jigi ikkunsidrat u mistharreg taht l-**artikolu 811 (l),** xorta ma jfornix bazi ghar-revoka, ghaliex il-konkluzjoni tal-Qorti li ma kienx hemm abbandun ghandha bazi ta' cirkostanzi aktar wiesa' mis-semplici cirkostanza tar-ritorn u cioe` c-cirkostanzi ta':

- zamma tar-residenza lokata bi frekwenzi regolari, fejn minn dejjem zammet il-karta ta' identita`;

- zamma tal-ghamara fl-istess post;

- u l-fatt ferm importanti li fir-residenza l-Bahrija fejn marret toqghod mal-bint, ma kellha ebda dritt legali izda kienet hemm biss bil-beneplacitu tal-bint u zewgha u *ergo'* minghajr ebda sikurezza.

Certament il-fatt tar-ritorn, li *del resto* gie evalwat, ma kienx wahdu determinat ghas-sentenza kif inghatat fl-appell.

16. Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi, il-Qorti tal-Appell gustament ikkummentat a fol. 102 illi "*Sincerament din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Bord, ghall-ezattezza minghajr wisq approfondiment, ghogbu jikkonkludi li l-appellanti telqghet id-dar ghal kollox. Fuq l-evalwazzjoni taghha, il-provi dan ma jsostnuhx.*"

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet esposti r-ritrattazzjoni intentata mir-rittrattandi Josephine Azzopardi fir-rigward tal-kawza deciza bis-sentenza tal-Qorti ta' Appell (Sede Inferjuri) tas-17 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi, fejn l-Onorabbli Qorti laqghet l-appell tal-esponenti inkwilina Rose Cilia, hassret is-sentenza appellata u konsegwentement cahdet it-talba tal-appellata ghar-ripreza tal-fond numru 11/12 Long Street Haz Zebbug, lokat f' idejn Rose Cilia spejjez bla taxxa bejn il-partijiet, ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess appellata rittrattandi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras.

Rat is-surroga datata 29 ta' Frar 2008 a fol. 121 tal-process, u b'hekk il-Qorti kif hekk presjeduta rriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghall-14 ta' Mejju 2008.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Mejju 2008 u tal-21 ta' Ottubru 2008 fejn fl-ahhar seduta deher Dr. Luciano Busuttil ghal Josephine Azzopardi prezenti li ta ruhu b' notifikat bl-avviz tas-smigh tal-appell. Deher ukoll Dr. Kenneth Cutajar ghall-kontro-parti. Id-difensuri trattaw il-

kaz u din il-kawza ta’ ritrattazzjoni giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Jannar 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-istess ritrattandi qed tghid li hemm lok ta’ ritrattazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e)** peress li allegatament saret applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Qorti fis-sentenza mertu tal-kawza odjerna u wkoll peress li skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l)** is-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza.

Illi n-naha l-ohra tikkontesta dan billi tghid li ma hemm xejn minn dan izda fil-verita’ kull ma’ qed jintalab f’din il-procedura huwa evalwazzjoni mill-gdid tal-provi prodotti, haga li ovvjament ma hijiex permessa mill-ligi u dan ghaliex fil-verita’ l-allegazzjoni li ma kienx hemm applikazzjoni tajba tal-ligi hija wkoll nulla ghaliex r-rikorrenti odjerna lanqas biss iccitat il-ligi li kellha skond hija minflok tigi applikata; dwar it-tieni raguni jinghad li l-ilment migjub lanqas jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l)** peress li ma kien hemm ebda zball ta’ fatt b’rizultat ta’ inadvertenza tal-gudikant, liema zball johrog mill-atti jew dokumenti tal-kawza.

Illi fil-fatt jirrizulta li r-rikorrenti odjerna kienet talbet ir-ripresa tal-fond 11/12 Long Street, Zebbug mikri lill Rose Cilia ghal zewg ragunijiet, l-ewwel li kien hemm deterjorazzjoni tal-fond u fuq din il-kawzali l-Bord sostna li ma hemm ebda prova, u fit-tieni lok peress li gie allegat li l-intimata Rose Cilia abbandunat l-istess fond b’mod li allura kien hemm *non uso* tad-dar ta’ abitazzjoni u b’hekk dan jikkostitwixxi bdil ta’ uzu tad-destinazzjoni tal-fond, u allura din il-kawzali giet milqugha ghaliex il-Bord sostna li wara li bejn il-1996/1997 meta l-intimata mitulha binha u zewgha hija marret tghix ma’ bintha l-Bahrija u rritornat id-

dar ghall-habta ta’ Settembru 2004 u b’hekk marret lura kif saret taf bir-rikors.

Illi sar appell mill-istess sentenza u l-Qorti tal-Appell b’decizjoni taghha datata 17 ta’ Ottubru 2007 sostniet li l-appell kien ibbazat fuq impunjattiva tar-ragunament tal-Bord li wassal ghall-konkluzjoni li mill-provi li kien hemm jirrizulta li l-intimata kienet abbandunat il-fond lokat f’Haz Zebbug, mentri jinghad li l-provi huma xorta ohra. Fl-istess sentenza l-istess Qorti tal-Appell sostniet li ghalkemm hemm il-principju li non-uzu ghal zmien sostanzjali jekwivali ghal kambjament tad-destinazzjoni **(“Tabib Dr. Louis Camilleri vs. Valerio Valente et”** (A.C. 28 ta’ Mejju 1979) u dan ghaliex l-kerrej ghandu jaghmel uzu tal-fond kif miftiehem (**artikolu 1554 (a) Kap. 16)**, dan huwa temperat bil-principju ta’ indoli specjali u eccezzjoni li f’kaz ta’ certi persuni li jghixu wahedhom u li jirrikoveraw ruhhom fi sptar, istitut jew dar ta’ membru tal-familja ma jitqisux li abbandunaw il-fond mikri **(“Lino Bonnici vs Michelina Livori”** – A.C. 30 ta’ Novembru 1983) u f’dan il-kaz sostniet li l-provi jindikaw li l-intimata kienet ilha tghix fil-fond mis-sena 1958, izda fit-28 ta’ Settembru 1996 mietilha t-tifel fl-eta’ ta’ 37 sena u fil-15 ta’ April 1997, biss sitt xhur wara mietilha wkoll zewgha ta’ 60 sena, b’dan li hija waqghet fi stat ta’ dipressjoni, tant li kienet ticcassa, ma kienitx tiekol u naqset mill-piz, b’dan li kien jidher li f’dak iz-zmien hija ma kienitx ta’ wahedha u marret toqghod ma’ bintha l-Bahrija; b’hekk l-istess intimata telqet mill-fond lokat izda dan qatt ma sar b’intenzjoni li jinbidel id-destinazzjoni tal-fond, tant li l-istess intimata baqghet tinzel id-dar taghha ghal darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha, halliet l-ghamara taghha hemmhekk, il-*meter reader* dejjem gie provdut b’access sabiex jiehu l-qari tas-servizzi ta’ dawl u ilma, u li l-intimata qatt ma hallset ghall-uzu tal-kamra ghand bintha u rritornat fil-mori tal-kawza fil-fond lilha lokat b’dan li sabet li t-tluq mill-fond indikat ma kienx la jammonta ghall-abbandun tal-istess fond b’mod intenzjonat u wkoll peress li dan kien dettat minn kondizzjoni psikika li l-istess lokatrici sabet ruhha fiha wara l-mewt ta’ binha u zewgha, b’dan li ghalkemm ma giex prodott certifikat mediku, xorta wahda kien hemm prova ta’ dan l-istat li kienet fih l-

intimata ghaliex huwa fatt notorju li bl-imwiet ta' membri tal-familja bhal dak li sofriet l-intimata huwa fatt notorju li dan jaffettwa l-istat mentali ta' persuna nkluza l-intimata li ma kellhiex l-istat mentali li taffronta wahedha l-qaghda tragika li laqtitha. *"L-ezistenza oggettiva ta' din is-sitwazzjoni hi rikonnoxuta mill-generalita' tal-bniedem u ma' hemmx ghalfejn wiehed joqghod jaghti provi taghha".* Fid-dawl ta' dan kollu l-istess Qorti kkonkludiet li gie ppruvat li fit-tul ta' 7 snin minn meta harget mill-fond mikri sakemm irritornat lura fih, hija xorta zammet l-istess fond bhala r-residenza taghha tant li tul l-istess zmien baqghet tmur fih, zammet l-ghamara taghha hemmhekk u ma kellha ebda abitazzjoni alternattiva b'dan li *"ghalhekk fic-cirkostanzi ma jistax jinghad li kien hemm abbandun tal-fond li jammonta ghal tibdil ta' destinazzjoni tal-fond bil-fatt li l-appellant ma baqax jorqod fil-fond ghal raguni valida".* B'hekk l-appell tal-intimata gie milqugh, is-sentenza tal-Bord revokata, u t-talbiet tar-rikorrenti michuda.

Illi hawn issa qed tintalab li ritrattazzjoni fuq il-binarji indikati fir-rikors odjern u dwar l-istess jinghad qabel xejn li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u affermat fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Guaci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi r-ritirrandi qed jibbaza talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza ta' din l-Qorti – diversament komposta – fuq dak biss li jipprovdi l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** li jaqra hekk:-

***"811**. Kawza deciza b'sentenza moghtija fil-grad ta' appell tista', tigi fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza…..*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkun dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha, l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi dwar dan jinghad li fl-**artikolu 816** jinghad li fir-rikors (li bih jintalab it-thassir tas-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza) …..meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata **("Mary Zammit vs Rosemary Gonzi et" -** A.C – 28 ta' Novembru 2008).

Illi fil-kaz odjern l-ilment fuq dan il-punt huwa li r-rikorrenti odjerna qed tghid li meta l-Qorti qalet li ma kienx hemm bzonn ceritikat mediku sabiex jigi ppruvat l-istat ta' depressjoni li allegat li kellha l-intimata, u meta allura il-Qorti sostniet li huwa fatt notorju li meta persuna titlef ghall-gharrieda lil binha u ftit wara lil zewgha dan jaffettwa

l-istat mentali ta' persuna li tiffacja l-qaghda tragika wahediha, u b'hekk allura gie pruvat li l-intimata kienet qed issofri minn kondizzjoni psikika, dan jammonta ghall-zball ta' ligi ghaliex tali allegazzjoni ta' l-intimata kellha tigi ppruvata permezz ta' certifikat mediku, iktar u iktar li ma hemm l-ebda ezistentza ta' fatt notorju, b'dan li dak allegat mill-intimata kellu jigi ppruvat, u bin-nuqqas ta' tali certifikat din il-prova ma saritx; inghad ukoll li s-sentenza hija zbaljata legalment ghaliex il-prova dwar l-istat tal-intimata kellha tigi ghalhekk ppruvata u allura l-asserzjoni li *"m'hemmx ghalfejn wiehed joqghod jaghti prova taghha"* hija legalment zbaljata.

Illi din il-Qorti thoss li kull ma ghamlet il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza huwa biss li ghamlet apprezzament tal-provi li kellha quddiema u waslet ghall-konkluzjoni li meta l-intimata ghaddiet mill-istess tragedja dan necessarjament affettwalha l-kondizzjoni psikika taghha b'mod li mill-provi prodotti, fejn semmiet ix-xhieda ta' bintha, u ta' Nancy Mangion (gara taghha), u l-esistenza oggettiva ta' l-istess sitwazzjoni tragika, dan wassal ghall-konvinciment tal-Qorti li l-istess intimata kellha titlaq mid-dar ghaliex ma kenitx f'dak iz-zmien fi stat li tghix wahedha, u allura ma kellha ebda intenzjoni li tabbanduna l-istess dar u b'hekk allura l-kaz taghha jaqa' taht il-principju specjali li certu nies bhall-intimata meta jmorru jghixu taht cirkostanzi simili u ghal xi zmien ghand xi membru tal-familja taghha, ma jitqiesx li sar abbandun tal-fond mikri.

Illi mela f'dan il-kaz kull ma sar kien biss apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti mill-istess Qorti tal-Appell, b'dan li fl-ezercizzju taghha hija ma qablitx mal-konkluzjonijiet raggunti mill-istess Bord, u jirrizulta li effettivament dak li r-rikorrenti qed tipprova taghmel huwa biss li tattakka l-istess apprezzament tal-istess Qorti tal-Appell, tant li fl-istess rikors odjern kull ma hemm f'paragrafi 5 sa 7 hija biss ilmenti dwar il-motivazzjoni tal-istess decizjoni fi stadju ta' appell, u ma tissemma l-ebda ligi li giet applikata bi zball minflok ligi ohra, u fil-fatt l-istess rikorrenti mkien ma' tindenja ruhha ssemmi din il-ligi ohra li l-Qorti suppost applikat. Dan ifisser li l-ilment ta' l-istess rikorrenti ma

jinkwadrax ruhu taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u ghalhekk dan l-ilment qed jigi michud.

Illi t-tieni punt sollevat mill-istess ritrattandi qed tghid li l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell ghanda tigi revokata a bazi tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** peress li jirrizulta li l-istess sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti tal-kawza u dan peress li d-decizjoni kienet ibbazzta fuq supposizzjoni ta’ fatt li fil-verita’ kien bla dubju eskluz jew fuq supposizzjoni li xi fatt li l-verita’ tieghu kien stability pozittivament. Hawn jidher li l-istess rikorrenti qed tghid li s-sentenza kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni li l-intimata telqet mid-dar ghaliex kienet qed issofri minn dipressjoni, u dan meta tali kondizzjoni ma’ giet bl-ebda mod ippruvata mill-istess atti u jirrizulta wkoll li l-intimata stess qalet li hija telqet mid-dar bl-akkwiexenza tas-sid; ma dan jinghad ukoll li dak li qalet il-Qorti li l-fatt li l-intimata rritornat fil-fond lokat fil-mori tal-kawza jindika li ma kienx hemm abbandun tal-istess fond mikri jipprova li ma kienx hemm abbandun huwa zbaljat ghaliex l-intimata qatt ma setghet tissana s-sitwazzjoni taghha billi tirritorna d-dar wara li saru l-proceduri kontra taghha.

Illi l-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** jipprovi li hemm kaz ta’ ritrattazzjoni meta *“s-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

*Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dan l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verita’ tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita’ tieghu tkun stabilita’ posittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed jew l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza”.*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-ilment huwa wkoll bla bazi u dan peress li fl-ewwel lok jirrizulta li l-lamentali tal-istess rikorrenti odjerni kienu punti kontestati u li gew decizi fl-istess sentenza kif jidher kemm mir-rikors tal-appell tal-intimata, tar-risposta tar-rikorrenti u mid-decizjoni stess tal-Qorti tal-Appell li proprju mmotivat is-sentenza billi ddecidiet l-istess punti dwar l-istat mentali tal-intimata

meta hija telqet mill-fond lokat invista ta’ dak li garbet u rritornat lura fil-mori tal-kawza meta hija setghet taghmel dan minhabba li kien ghadda z-zmien.

Illi fit-tieni lok issir riferenza ghas-sentenza **“John Zammit et vs Michael Tabone et proprio et nomube”** (A.C. – 22 ta’ Jannar 2001) fejn inghad li sabiex jigu sodisfatti l-elementi ta’ dan l-artikolu irid ikun hemm:-

(a) l-izball irid ikun wiehed ta’ fatt u mhux zball ta’ interpretazzjoni (Vol.XXV.i.140).

(b) l-izball irid wiehed materjali li jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, b’mod li s-sentenza tkun kontrastanti ma’ dak l-att u dokumenti u mhux relatat ma l-interpretazzjoni ta’ dak li huma l-fatti kif apprezzati mill-gudikant u dan peress l-apprezzament u l-interpretazzjoni ta’ fatt jikkostitwixxu l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. *“L’ errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casulalita’ colla decisione, ed e’ necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impungnata”* ((Vol. XLI.i.47).

(c) Jekk l-izball akkampat bhala motiv ta’ ritrattazzjoni kien punt ta’ kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta’ dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-rittrattazzjoni (Vol. XLI.i.47).

(d) Il-fatt li r-ritrattandi ma jaqblux ma’ l-apprezzament u ma’ l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata ma jwasslux sabiex tali sentenza tigi annulata abbazi tal-**artikolu 811 (l)** u dan ghaliex l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindikabbli u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (**“Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja et”** A.C. – 13 ta’ Gunju 1995; **“G. Vella Zarb vs A. Bartolo”** A.C. – 3 ta’ Frar 1930; **“Mary Rota et vs Mary Camilleri”** P.A. (GV) – 30 ta’ Marzu 2001.

(e) L-izball irid jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u iridu jigu sodisfatti l-elementi tat-tieni paragrafu tal-istess disposizzjoni legali – b’dan li l-izball irid ikun wiehed materjali u tali li minhabba <u>mera inavvertenza</u> ikun wassal lill-gudikant jissoponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi tirrikjedi li zball jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, u b’hekk li l-gudikant b’nuqqas ta’ avvertenza ma jkunx ikkonsultahom.

Illi mill-ilmenti kif esposti f’dan il-kaz mir-rikorrenti ma hemm xejn minn dan u kull ma qed tigi attakkata hija fil-verita’ l-interpretazzjoni ghall-fatti tal-kaz u fl-ahhar mill-ahhar ghall-mod kif l-istess Qorti waslet ghall-motivazzjoni taghha, u ma hemm fl-istess ilment ebda indikazzjoni kwalunkwe ta’ xi dokument jew xi att processwali li gie b’xi mod skartat jew injorat mill-istess Qorti; anzi jirrizulta li l-istess Qorti hadet konjizzjoni tal-atti kollha quddiemha u interpretatat kif kellha dritt li taghmel il-fatti li hargu mill-kaz u abbazi tal-fatti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, ibbazata fuq principji legali stabbiliti. Allura *in vista* ta’ dan kollu dak li l-istess rikorrenti qed tittenta taghmel b’din il-procedura huwa li effettivament tappella mill-apprezzament tal-provi li li ghamlet l-ewwel Qorti, apprezzament li huwa insindakabbli f’dan l-istadju, u certament ma jammontax bhala bazi ta’ ritrattazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12.**

Illi kif inghad fis-sentenza **“Mary Rota et vs Mary Camilleri” (**P.A. (GV) – 30 ta’ Marzu 2001) *“din il-Qorti ma tidholx fl-apprezzament interpretazzjoni u konkluzjonijiet taghha fuq il-fatti ghax dawn jikkostitwixxu konvinciment insindakabbli ta’ dik il-Qorti.*

Illi ghalhekk anke din il-bazi ta’ ritrattazzjoni qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta ta’ Rose Cilia datata 3 ta’ Dicembru 2007 in kwantu l-istess hija

konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-ritrattandi fir-rikors taghha datat 8 ta’ Novembru 2007** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi Josephine Azzopardi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------